# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 271/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Florence Garzia**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Florence Garzia**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 17878(G), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli fis-26 ta' Mejju 2016 f'Għawdex:

1. għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet,

obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta' Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur ta' Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat u dan bi ksur ta' Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. taħt l-istess ċirkostanzi, għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kienet ipprovokat, inġurjat b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. taħt l-istess ċirkostanzi, bl-imġieba tagħha kkaġunat lil Frances Mizzi, Noel Mizzi u oħrajn biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien u bniet u dan bi ksur ta' Artikolu 251B(1);

6. taħt l-istess ċirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha minn persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma ħallietx jew fixklet waqt li għamel dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħlet fi dmirijietu jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li ħaddiehor għamel b'liġi u dan bi ksur ta' Artiklu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika Artikolu 383 u/jew Artikolu 412Ċ għall-ħarsien u protezzjoni tal-persuna/i allegatament vittma/i f'dan il-każ.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Ġunju 2018 (*a fol.* 192 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 183, 184, 189, 338(1)(e), 251B(1), 338(ee), 383 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tat-tielet (3) u l-ħames (5) imputazzjoni filwaqt li lliberata mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4) u mis-sitt (6) imputazzjoni u għaddiet sabiex tillbera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor għal perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza *ai termini* ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputata tħallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' ħames mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€533.42) rappreżentanti spejjeż tal-esperti fil-kawża. Stante l-kundizzjoni mposta fuq l-imputata *ai termini* ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ma qisitx in-neċessita' li tiġi mposta wkoll xi tip ta' garanzija fuq l-imputata. L-Ewwel Qorti rrakkomandat li d-deċiżjoni fil-konfront tal-imputata ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-impieg tagħha anki għaliex il-fatti tal-każ huma kompletament estranei għall-istess impjieg. Fl-aħħar nett, *ai termini* ta' Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti spjegat lill-ħatja fi kliem ċar, kemm ir-responsabilita' tagħha u x'jiġri f'każ li hi tikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-20 ta' Ġunju 2018 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn illiberat lill-appellanta mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4) u mis-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fejn sabitha ħatja tat-tielet u l-ħames imputazzjoni, tiddikjaraha mhux ħatja tagħhom u konsegwentement tilliberaha minnhom; u fin-nuqqas* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li ġie verbalizzat mill-konsulenti legali tal-appellanti fis-seduta msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-26 ta' Mejju 2016 kien hemm seduta tal-kriminal bejn l-appellanti u l-*parte civile* Frances Mizzi fejn l-appellanti nsistiet li teżebixxi speċi ta' ktieb fl-atti proċesswali li hi allegat li kien fih il-messaġġi li bagħat ir-raġel ta' Frances Mizzi lilha u l-Qorti li kienet qed tippresjedi l-każ ma aċċettatx li l-ktieb ikun eżebit. Fl-istess jum il-Pulizija rċeviet telefonata mill-*parte civile* fejn intqal li l-appellanti kienet tefgħet dan il-ktieb fil-parapett tagħha. Dan sar wara li ppruvat tikkonsenja l-ktieb permezz tal-"Gozo Express".

Illi fost il-provi li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm is-segwenti:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Edel Mary Camilleri** (*a fol.* 25 *et seq.*) qalet li Frances Mizzi kienet issusspettat li l-pakkett hawn fuq imsemmi kien mibgħut mill-appellanti u li hija beżgħet li fil-pakkett kien hemm xi ħaġa u ma aċċettatux. Tgħid li Mizzi osservat lill-appellanti tieħu l-pakkett minn għand id-*delivery man* u l-appellanti qabdet il-pakkett u xeħtitu ġewwa d-dar. Tgħid li f'dak il-jum iż-żewġ persuni

kienu quddiem Maġistrat ieħor u l-Maġistrat rabat lill-partijiet biex ma jagħmlux azzjonijiet lil xulxin biss l-appellanti bdiet tinsisti biex tippreżenta pakkett li l-Maġistrat ma riedx jikkunsidra għaliex kien qata' s-sentenza. Jirriżulta li l-pakkett kienet ħaditu l-Għassa Frances Mizzi u qalet li tissusspetta li kien l-istess pakkett li l-appellanti riedet teżebixxi filgħodu. Meta msejħa fl-Għassa tal-Pulizija, waqt li kienet akkumpanjata mill-avukat tagħha, l-appellanti qalet li hija riedet li l-pakkett jasal għand Mizzi. Tgħid li l-kliem "Anthony Bugeja" kitbitu hi għaliex kienet taf li jekk ikun hemm il-firma tagħha, Frances Mizzi ma kinitx ser tiftaħ il-pakkett. Jingħad li l-firma ta' "Anthony Bugeja" hija ffalsifikata.

- Is-**Supretendent Antonello Grech** (*a fol.* 83 *et seq.*) xehed li kellem lill-partijiet fl-uffiċju tiegħu u qalilhom li dawn l-affarijiet riedu jieqfu għaliex it-tnejn kienu qed jallegaw li kienu qed jirċievu telefonati anonimi. Jgħid li ta struzzjonijiet biex l-*envelope* ma jinfetaħx u li l-appellanti kienet qaltlu li l-*booklet* kien fih xi messaġġi bejnha u bejn Noel Mizzi. Fil-kontro-eżami qal li kien hemm skambju ta' messaġġi sabiex, skont l-appellanti, mart Noel Mizzi tkun taf x'kien qed jgħidilha. Hu kien fehem li dak l-*envelope* kienet bagħtitu l-appellanti u qal ukoll li ma kienx qed jinvestiga imma kien qed jara biex jirranġaw l-affarijiet. Ma eskludiex li kien hemm mumenti meta l-każ kien ser jorqod u kien żgur li wara xi ftit t-telefonati anonimi waqfu.

- **Luke Camilleri** (*a fol.* 99 *et seq.*) xehed li kien jaħdem mal-"Gozo Express" u ftakar li kien ġabar pakkett mill-pjazza tal-Qala u għaraf il-karta Dok. "EMC 1". Jgħid li huwa kien kiteb il-ħin waqt li l-firma ta' min qed jibgħat saret mill-appellanti. Jgħid li kien mgħaġġel u ħass li ma kienx dover tiegħu li joqgħod jara dawn l-affarijiet għalkemm kien innota li ma kienx hemm isem ta' mara. Jixhed li fuq talba tal-appellanti huwa kien ikkanċella d-*docket* u għamel ieħor mill-bidu u li mbagħad hija tagħtu l-pakkett immarkat Dok. "EMC 2". Jgħid li meta mar biex iqassmu, hi marret bil-vettura warajh u

li l-pakkett kellu jagħtih lil Frances Mizzi biss li bdiet tgħajjat miegħu u hu staqsieha jekk riditx tiegħu l-pakkett jew le u wara li rrifjutat hu tah lura lill-appellanti. Jgħid li l-appellanti ħallset għad-*delivery*. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li l-appellanti għamlet il-firem kollha u li l-ewwel *docket* kien miktub sewwa u li meta qaltlu biex jikkanċellah qalilha li kien ħa jerġa' jibda.

- Il-*parte civile* **Frances Mizzi** (*a fol.* 121 *et seq.*) qalet li skont l-appellanti l-pakkett kellu messaġġi minn għand ir-raġel tagħha (ta' Mizzi). Tgħid li meta kienet qed taħsel barra rat il-vann tal-"Gozo Express" u l-vettura tal-appellanti u li tal-"Gozo Express" qalilha li kellu pakket għaliha minn għand Anthony Bugeja. Hija kkonfermat Dok. "EMC 2" u li l-impjegat induna li kien hemm xi ħaġa li mhijiex sewwa iżda qalilha li ħa jerġa' lura bil-pakkett. Tgħid li qabdet il-*mobile* u l-appellanti qabbdet il-vettura u li hi (Mizzi) ippruvat tiġri u li kieku ma ġrietx kienet ittajjarha. Tixhed li l-appellanti waddbet il-pakkett li laqatha f'wiċċha u li hi ndunat x'kien il-pakkett imma ma riditx tara messaġġi. Tgħid li beżgħet meta rat il-pakkett ġej għal wiċċha u li xorta ma kinitx ser tiftaħ il-pakkett u beżgħet ukoll għaliex ħasbet li l-appellanti tasal tagħmel kollox.

- **Doris Scerri** (*a fol.* 145 *et seq.*) qalet li minn fuq it-telefon semgħet il-ħoss tal-vettura ġejja b'veloċita' qawwija. Tgħid li wara marret ħdejn Frances Mizzi fejn rat il-pakkett fuq ir-rampa tad-dar. Tgħid ukoll li ma missewx il-pakkett u li kienet qaltilha li mar tal-"Gozo Express" b'pakkett.

- L-espert **Joseph Mallia** (*a fol.* 78 *et seq.*) ġie maħtur mill-Ewwel Qorti bħala espert tal-kalligrafija. Huwa kkonferma bil-ġurament ir-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017. Fl-ewwel komparazzjoni sab illi l-ittra "A" ta' Anthony kif ukoll l-ittra "A" ta' Bugeja ma kinux kompatibbli mal-"A" li hemm miktuba f'Garcia f'Dok. "EMC 1". Għat-tieni komparazzjoni fuq l-*envelope* Dok. "EMC 2" il-"G" ta' Bugeja hija kompatibbli mal-"G" ta' Ġużeppi kif ukoll fuq il-"G" ta'

Gozo li hemm fuq l-*envelope* pero' mhijiex kompatibbli mal-"G" ta' Garcia li tinsab fuq Dok. "EMC 1" fejn hemm Florence Garcia. Bħala t-tielet komparazzjoni, il-capital "F" fuq l-*envelope* ta' Frances, l-*envelope* Dok. "EMC 2" mhix kompatibbli lanqas mal-"F" ta' Garcia fuq Dok. "EMC 1". L-espert għamel ritratti u *blow ups* li ttieħdu permezz ta' *digital cameras* kif ukoll ta' mikroskopju u permezz ta' vleġeġ, kuluri u ittri wera fejn qegħdin dawn id-diskrepanzi. Wara mistoqsija mill-Qorti huwa spjega li l-"G"'s huma kompatibbli kemm ma' ta' Bugeja kif ukoll ma' dawk tal-*envelope*, pero' mhux kompatibbli mal-"G" ta' Garcia.

**Ikkunsidrat**

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellanti huwa limitat għat-tielet (3) u għall-ħames (5) imputazzjoni għaliex fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellanti mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4) u mis-sitt (6) imputazzjoni.

Illi l-ewwel żewġ aggravji huma dwar l-apprezzament tal-provi. Kif dejjem jingħad din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun użat id-diskrezzjoni tagħha loġikament u legalment. In fatti din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-

> Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar it-tielet (3) imputazzjoni li temerġi minn Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena."

Illi fl-aggravju in eżami l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti qatt ma messha sabitha ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u li wara kollox hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova u mhux hi. L-appellanti tirreferi għal diversi sentenzi dwar dan il-punt u għal dak li jgħid il-Professur Mamo fin-Noti u tikkwota dak li jgħid Carrara li mhux biżżejjed illi min jiffalsifika dokument kellu l-intenzjoni sabiex jiffalsifikah iżda hemm bżonn li dak li jiffalsifika d-dokument ikun jaf li huwa kontra l-liġi. Tagħmel riferenza wkoll għal dak li jgħidu Manzini u Antolisei u tagħmel riferenza għal ġurisprudenza.

Illi l-appellanti tgħid li mill-provi jirriżulta li kienet hi li bagħtet għall-impjegat tal-"Gozo Express" li mela *docket* tal-"Gozo Express" f'isimha. Imbagħad hija staqsiet jekk setgħetx timtela oħra f'isem ir-raġel tagħha Anthony Bugeja u hu qalilha li ma kinitx problema. L-appellanti tikkwota mix-xiehda li ta l-impjegat tal-"Gozo Express" u targumenta li għalhekk ma għamlet xejn biex tipprova tinganna tant li għall-bidu lanqas biss imputazzjonijiet kontra tagħha ma kienu ser joħorġu. Tgħid li kieku dan ix-xhud tressaq ukoll kien ikun ko-akkużat u x-xhieda tiegħu ma kinitx tkun ammissibbli u dan skont ġurisprudenza

kostanti u li għalhekk hija kull ma għamlet kien li semgħet mill-impjegat tal-"Gozo Express" u tisħaq li huwa nieqes l-element tax-xjenza jew *mens rea*. Tisħaq ukoll li lanqas ma tressqet prova quddiem l-Ewwel Qorti li r-raġel tagħha ma awtorizzahiex tiffirma minfloku u li forsi dak il-pakkett ried jibgħatu r-raġel tagħha.

Illi għandu jingħad li l-Prosekuzzjoni tgħid li l-appellanti niżżlet isem ir-raġel tagħha u ffirmat f'ismu biex tista' tinganna lil Frances Mizzi. L-appellanti kienet diġa' ppruvat tippreżenta l-istess dokument fil-Qorti tal-Maġistrati iżda l-Maġistrat sedenti ma kienx aċċetta d-dokument għaliex kien diġa' ta s-sentenza u pprova sabiex il-partijiet ma jkomplux jitlewmu. Ma hemmx dubju dwar li kien ġara fl-awla minħabba li kien hemm xhieda ta' dak kollu li kien seħħ. Għandu jingħad ukoll li kienet l-appellanti li ffirmat "Anthony Bugeja" fuq id-*docket* u dana sabiex min jirċievieh ma jindunax li kienet hi li bagħtet il-pakkett. Il-Qorti tqis il-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert tal-kalligrafija u li ġew imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Jirriżulta li kienet ukoll l-appellanti li kitbet l-indirizz fuq Dok. "EMC 2" u mill-provi tirriżulta l-insistenza tal-appellanti li l-impjegat tal-"Gozo Express" iwassal il-pakkett għand Frances Mizzi tant li segwietu bil-vettura tagħha.

Illi din il-Qorti tinnota li, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, l-appellanti kienet qed tippersonifika lil ħadd ieħor fi skrittura u dan jammonta għal falz dokumentali. Fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** din il-Qorti diversament preseduta qalet li b'kitba wieħed:

> "ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jiħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid u plastik, eċċ."

Illi b'din id-definizzjoni żgur li d-dokument fil-proċeduri odjerni jaqa' taħt din id-definizzjoni estensiva mogħtija mill-Qorti fis-sentenza appena kkwotata.

Illi d-difiża wkoll qajmet eċċezzjoni dwar ix-xiehda mogħtija minn Luke Camilleri. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li dan ix-xhud la hu ko-akkużat u lanqas kien akkużat b'kompliċita'. Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."

Illi dan is-sub-Artikolu mkien ma jgħid li x-xiehda ta' kompliċi hija awtomatikament skartata. Bħal ma diġa' ngħad, f'dan il-każ ix-xhud Luke Camilleri mhux akkużat b'kompliċita' – hu ma ġie akkużat b'xejn! Din il-Qorti wiżnet sew dak li qal dan ix-xhud minn fejn jirriżulta li kienet l-appellanti li nsistiet miegħu sabiex issir il-bidla li talbet hi. Minn dan isegwi li din il-Qorti qed tqis din ix-xiehda bħala prova oħra fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi l-appellanti tissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' lis-Sur Bugeja bħala wieħed mix-xhieda tagħha u dana sabiex ikun stabbilit jekk kienx wara kollox hu li ried li jintbagħat il-pakkett. Mingħajr tlaqlieq ta' xejn, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni u dana peress li l-Qorti teżamina jekk il-Prosekuzzjoni tkunx ġabet il-provi kollha li setgħet iġġib u jekk il-provi li ressqet kienux biżżejjed biex jissodisfaw il-grad ta' prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi rigward is-sejbien ta' ħtija tal-ħames (5) imputazzjoni li toħroġ minn Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena [...]."

Illi l-appellanti tisħaq li l-Prosekuzzjoni bbażat il-provi tagħha fuq il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* Frances Mizzi u li din qalet li kieku ma qasmitx tiġri taħseb li hi (l-appellanti) kienet ittajjarha u li sadanittant tefgħet il-pakkett minn ġon-naħa tagħha, minn naħa ta' minn fejn issuq, u li Mizzi qalet li laqtitha f'wiċċha bil-pakkett u daħlet tiġri ċċempel lill-Pulizija. Tisħaq li l-*parte civile* ma qalitx li kienet ser tittajjar meta kellmet lill-Pulizija u li dan ifisser li hi vvintat dan l-inċident. L-appellanti tisħaq ukoll li l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Edel Mary Camilleri ma semmietx dan l-inċident waqt id-depożizzjoni mogħtija minnha u li dan ifisser li la kien hemm inġurji, la theddid u lanqas il-biża' li kienet ser tintuża xi vjolenza kontra l-*parte civile.* L-appellanti tgħid li l-*parte civile* kienet taf x'kien fih il-pakkett u li ma riditx tara l-messaġġi stante li hija u żewġha kienu rranġaw id-differenzi tagħhom. Targumenta li fil-ħames (5) imputazzjoni hemm indikata data waħda u li mill-provi ma jeżistix il-*course of conduct* li huwa rikjesta mill-Artikolu 251B tal-Kapotolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi f'dan ir-rigward u ssostni li għandha tkun liberata mill-ħames (5) imputazzjoni.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sottomissjonijiet li saru mill-Avukat Ġenerali quddiem din il-Qorti diversament preseduta (*a fol.* 245 *et seq.*) fejn, fost l-oħrajn, ingħad hekk (*a fol.* 247-248): *"Issa, l-appellanti qegħda tgħid li jrid ikun hemm course of conduct. Iva, irid ikun hemm course of conduct ai fini tal-Artikolu 251B. Issa, jidher ċar ukoll li isma, spjegat fuq dan l-avveniment partikolari li ġara dakinhar u spjegat ukoll li din ilha għaddejja għal diversi snin, kienet tirċievi ittri mingħand l-appellanti. Pero', iva, hawnhekk għandna course of conduct, aħna marbutin maċ-ċitazzjoni kif redatta, issa ċ-ċitazzjoni kif redatta hija speċifikatament dwar data waħda, jiġifieri f'dan ir-rigward minħabba li qegħdin kostretti għal ġurnata waħda, ħa nirrimetti għall-ġudizzju ta' din il-Qorti."*

Illi din il-Qorti rat is-sottomissjonijiet tal-appellanti li fihom tqanqal ċertu dubju dwar il-verżjoni li tat il-*parte civile* u bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* – kif filfatt korroborata – hija aktar verosimili. Il-fatt li l-*parte civile* tat aktar dettalji matul ix-xiehda tagħha milli kienet tat meta rrapurtat il-każ mhux bilfors li din kienet qegħda tivvinta xi ħaġa li ma seħħitx. Minkejja dan, din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-interpretazzjoni mogħtija għall-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minn diversi Qrati fejn, fost l-oħrajn, issir riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **II-Pulizija vs. Brian Micallef** (Numru 442/2010) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-Artikolu 251B(1) għandha tikkonsisti f'mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa rrileva l-appellant, dak li ġie pruvat fil-konfront tiegħu seħħ f'okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni."

Illi fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1) li l-appellanti ġiet mixlija biha quddiem l-Ewwel Qorti hemm riferenza biss għal data waħda *ossia* dik tas-26 ta' Mejju 2016 u fil-ħames (5) imputazzjoni hemm il-kliem *"kif*

*ukoll talli taħt l-istess ċirkostanzi....".* Dan ifisser li miċ-ċitazzjoni in kwistjoni ma jirriżultax li kien hemm xi riferenza li kien hemm *course of conduct* f'xi okkażjoni oħra. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u qed tilliberaha mill-ħames (5) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellanti huwa dwar il-piena u hija tirrileva li bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bżonn li l-piena għandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Tgħid li hija bniedma b'fedina penali netta u għalhekk il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha hija eċċessiva.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li dan qed ikun milqugħ u dana peress li aktar 'il fuq ġie deċiż li l-appellanti għandha tkun liberata mill-ħames (5) imputazzjoni u b'hekk hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena b'dan illi din il-Qorti ser xorta tapplika Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellanti pero' ż-żmien ser ikun anqas minn dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Florence Garzia u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkonferma wkoll dik il-parti tal-istess sentenza fejn l-appellanti ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' ħames mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€533.42) rappreżentanti

spejjeż tal-esperti fil-kawża u fejn ma mponitx ebda garanzija fuqha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-ħames (5) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tagħha u tilliberaha minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija;

- tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti lliberatha bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin u minflok qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mid-data ta' din is-sentenza;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tirrakkomanda li din is-sentenza ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-impieg tal-appellanti.

Finalment din il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberta' kondizzjonata matul din is-sena li ġejja.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**